10 ta' Diċembru, 19[illegible]4.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Paolo Azzopardi** *versus* **Paolo Abela ne.**

**Sentenza — Nullità — "Res Judicata" — Art. 731 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*L-eċċezzjoni tar-"res judicata" għandha tiġi deċiża b'kap separat; u jekk l-Ewwel Qorti tkun naqset li tagħmel hekk, dik l-ommissjoni ġġib għan-nullità tas-sentenza appellata.*

*Fil-każ preżenti, il-konvenut ta eċċezzjoni kontra t-talba ta' l-attur, u l-attur oppona li għal dik l-eċċezzjoni kien josta ġudikat naxxenti minn sentenza li kien hemm qabel bejn l-istess partijiet. L-Ewwel Qorti qatgħet il-kawża konformement għall-eċċezzjoni tal-konvenut, mingħajr ma ddeċidiet b'kap separat jekk kienx hemm jew le ġudikat ostativ għall-eċċezzjoni tal-konvenut; u l-Qorti ta' l-Appell annullat dik is-sentenza, u rinviat l-atti lill-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li bih l-attur, wara li ppremetta illi fis-6 ta' Ap-

ril 1950 id-ditta konvenuta bieghet lilu ċirka 10,000 xkora siment "Portland", bil-prezz ta' 7s. l-ixkora, kompriż it-trasport, u li dan is-siment kellu jiġi konsenjat matul ix-xogħlijiet li hu kien intrapprenda in konnessjoni ma' kuntratt tal-bini, u kif u meta huwa jitlob; u li għall-ewwel id-ditta konvenuta *fil-fatt bdiet tagħmel il-konsenja skond il-ftehim*, u sa Awissu 1951 kienet ikkonsenjat 6,151 xkora, però mbagħad, wara li kien għola fis-suq il-prezz tas-siment, irrifjutat li tikkonsenja aktar, billi rriteniet, arbitrarjament, illi l-kuntratt kien ġie xjolt; u illi d-ditta konvenuta, non ostante t-talbiet tiegħu, u non ostante li għal kull possibbli fini tal-liġi ġiet imqiegħda in mora *bil-protest* tal-4 ta' *Diċembru* 1952, ma kkonsenjatx il-bilanċ tas-siment mibjugħ; u li minħabba dan in-nuqqas ta' konsenja huwa kien kostrett jixtri siment minn band'oħra bil-prezz ferm ogħla minn dak pattwit, u kellu jħallas it-trasport ta' l-istess siment mixtri minn band'oħra, u b'hekk in-nuqqas tal-konsenja skond il-kuntratt ikkaġunalu telf u dannu; talab illi l-konvenut nomine jiġi dikjarat responsabbli għad-danni li huwa sofra minħabba n-nuqqas ta' l-istess konvenut nomine li jeżegwixxi l-obligazzjoni li kien ikkuntratta, konsistenti dawn id-danni fid-differenza bejn il-prezz tas-siment li huwa xtara u dak li kien kuntrattat bejn il-partijiet, fi spejjeż ta' trasport, u/jew fid-danni u telf iehor li jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u li jiġi likwidat l-ammont ta' dawk id-danni, u l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu dak l-ammont li jiġi likwidat in linea ta' danni; bl-imgħax kummerċjali u bl-ispejjeż tal-ġudizzju;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li ssottometta:

Illi, kif jirriżulta mid-depożizzjoni tal-kontendenti fil-kawża fl-ismijiet inverti, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Mejju 1952, il-bejgħ tas-siment ġie kuntrattat bejn il-partijiet in konnessjoni max-xogħol illi l-attur kellu l-Mandraġġ, u għalhekk il-kwantità ġiet indikata approssimativament;

*Illi, konsegwentement, id-danni illi l-attur jista' jippretendi* għandhom ikunu limitati għall-kwantità eċċedenti dik lilu fornita li huwa uża fix-xogħol tal-Mandraġġ, u dawk id-

danni għandhom jiġu kalkulati skond il-prezzijiet prevalenti f'dak iż-żmien;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet;

Rat il-verbal in data 19 ta' Frar 1954 (fol. 11), li minnu jirriżulta illi l-attur jippretendi illi josta l-ġudikat għall-eċċezzjoni fuq ċifertta tal-konvenut nomine, billi fil-kawża fuq imsemmija ġie dikjarat illi l-attur — konvenut f'dik il-kawża — għandu d-dritt li, sa 10,000 xkora, il-prezz u l-kondizzjonijiet tal-bejgħ ikunu dawk riżultanti mill-memorandum fil-fol. 4 tal-proċess, u li l-konvenut nomine jikkontendi li d-dikjarazzjoni fil-kawża preċitata ma tiffurmax ġudikat, sija għaliex ma hemmx legalment ġudikat fuq eċċezzjonijiet, u sija għaliex mill-motivazzjoni tas-sentenza jirriżulta li dik id-dikjarazzjoni ma għandhiex tiġi mifthema letteralment, imma bħala semplici konsegwenza ta' dak li ddeċidiet il-Qorti, li l-kuntratt bejn il-partijiet ma kienx riżolut;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-18 ta' Marzu 1954, li biha ġiet milqugħa l-eċċezzjoni, u kwindi ddikjarat u ddeċidiet, konformement għall-pretensjoni tal-konvenut nomine, illi d-danni li l-attur jista' jippretendi għandhom ikunu limitati għall-kwantità eċċedenti dik li lu fornita li huwa uża fix-xogħol tal-Mandraġġ, liema danni għandhom jiġu likwidati skond il-prezzijiet prevalenti fil-pjazza f'dak iż-żmien; u ordnat li l-ispejjeż jitħallsu mill-attur; wara li kkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni;

Illi fl-imsemmi memorandum jingħad li d-ditta konvenuta biegħet fis-6 ta' Lulju 1950 "Portland Cement in paper bags — about 10,000 bags — at the rate of 7s. per bag, delivered free at works" (fol. 4);

Illi fis-sentenza ta' din il-Qorti, li biha ġiet definita l-imsemmija kawża in prima istanza (21 ta' Frar 1952), ġie kunsidrat u definit il-punt "jekk l-attur nomine — il-konvenut nomine fil-kawża odjerna — kellux id-dritt li, wara ċerti żmien, u qabel ma saret il-konsenja tal-kwantitativ ta' 10,000 xkejjer imsemmijin fil-memorandum, jikkunsidra ruħu maħlul mill-obbligazzjoni.............."; u ġie dikjarat f'dik is-sentenza "illi ma kienx hemm lok għar-riżoluzzjoni tal-bejgħ 'ipso jure' favur l-attur (konvenut fil-kawża preżenti)........

u li għalbekk il-konvenut (attur f'din il-kawża) għandu dritt it, sa 10,000 xkora, il-prezz jiġi konteġġjat bil-prezz u l-kondizzjonijiet tal-memorandum";

Illi l-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti ġiet konfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell bis-sentenza tat-30 ta' Mejju 1952;

Illi fil-parti razzjonali ta' l-istess sentenza ta' din il-Qorti ntqal "illi l-konvenut kellu jieħu s-siment 'a mano a mano' li jkollu bżonnu fil-kors tal-kostruzzjonijiet edilizji li huwa kien qiegħed jagħmel il-Mandraġġ";

Illi għalhekk dik is-sentenza, konfermata mill-Qorti ta' l-Appell, anki għar-raġunijiet tagħha, loġikament interpretata ma tistax tfisser, kif l-attur jippretendi li għandha tfisser, illi huwa dejjem u f'kull każ kellu dritt għall-10,000 xkora siment bil-prezz u bil-kondizzjonijiet enunċjati fl-imsemmi memorandum, imma, inveċe, għandha tiġi interpretata fis-sens illi huwa kellu d-dritt, bl-imsemmi prezz u taħt l-imsemmijin kondizzjonijiet, għas-siment li kellu bżonn, sa 10,000 xkora, fil-kors tal-kostruzzjonijiet edilizji li huwa kien qiegħed jagħmel il-Mandraġġ; u għal dawk il-kostruzzjonijiet biss. Dan jirriżulta anki mill-parti razzjonali tas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, li kkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, billi fl-imsemmija parti ta' dik is-sentenza jingħad illi s-siment formanti l-oġġett ta tad-deċiżjoni kien dak li kellu jiġi konsenjat lill-konvenut (attur fil-kawża odjerna), fejn dan kien qiegħed jibni, u peress illi mix-xhieda tal-kontendenti fil-kawża fuq riferita jirriżulta li l-konvenut kien qiegħed jibni l-Mandraġġ (fol. 29 tergo u fol. 35 inkarament ta' dik il-kawża);

Illi din ċ-ċirkustanza, riżultanti mix-xhieda ta' l-istess kontendenti fil-kawża fuq imsemmija — li l-kuntratt tal-bejgħ ta' ċirka 10,000 xkora siment sar in konnessjoni mal-bini li l-attur kien qiegħed itella' l-Mandraġġ, u għal dak il-bini — tiddimostra l-fondatezza ta' l-eċċezzjoni tal-konvenut nomine; li tkompli tiġi msaħħa mill-fatt li l-kwantità ġiet approssimattivament indikata, billi mill-provi li saru fl-imsemmija kaw-

ża (fol. 68 tergo) jirriżulta illi, meta sar il-memorandum, il-kwantità ġiet indikata relativament għall-bżonn tax-xogħol tal-Mandraġġ;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi miċħuda l-eċċezzjoni tal-konvenut; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi kontra t-talba dedotta bl-att taċ-ċitazzjoni l-konvenut eċċepixxa illi l-bejgħ tas-siment fl-istess ċitazzjoni msemmi ġie kuntrattat bejn il-partijiet in konnessjoni max-xogħol li l-attur kellu l-Mandraġġ, u għalhekk il-kwantità ġiet indikata approssimativament, u li konsegwentement id-danni reklamati għandhom ikunu limitati għall-kwantità eċċedenti dik lill-attur fornita mill-konvenut u li uża fix-xogħol tal-Mandraġġ, u għandhom ikunu kalkulati skond il-prezzijiet prevalenti dak iż-żmien. Kontra din l-eċċezzjoni l-attur, kif jidher mill-verbal fol. 11, oppona l-ġudikat, billi bis-sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet bil-maqlub (nru. 567) ġie dikjarat li "il-konvenut Azzopardi għandu d-dritt li sa 10,000 xkora l-prezz jiġi kontoġġjat, u l-kondizzjonijiet ikunu, skond il-memorandum". Bl-istess verbal fuq imsemmi, id-difensur tal-konvenut irrileva li dik id-dikjarazzjoni ma tiffurmax ġudikat, sija għax ma hemmx legalment ġudikat fuq eċċezzjonijiet, u sija għaliex mill-motivazzjoni tas-sentenza jirriżulta li dik id-dikjarazzjoni ma għandhiex tiġi miftehma letteralment, imma bħala semplici konsegwenza ta' dak li ddeċidiet il-Qorti, li l-kuntratt bejn il-partijiet ma kienx riżolut. Wara dan, il-Qorti halliet il-kawża għat-18 ta' Marzu 1952, għad-deċiżjoni tal-punt kif fuq sollevat. F'din id-data, l-Ewwel Qorti ppronunzjat is-sentenza fis-sens li laqgħet l-eċċezzjoni, u kwindi ddikjarat u ddeċidiet, konformement għall-pretensjoni tal-konvenut nomine, illi d-danni li l-attur jista' jippretendi għandhom ikunu limitati għall-kwantità eċċedenti dik lilu fornita u li huwa uża fix-xogħol tal-Mandraġġ; liema danni għandhom jiġu likwidati skond il-prezzijiet prevalenti fil-pjazza f'dak iż-żmien; bl-ispejjeż kontra l-attur;

Ikkunsidrat;

Illi l-eċċezzjoni msemmija fid-deposizzjoni tas-sentenza appellata hija dik moghtija mill-konvenut bin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tieghu (fol. 9), u ma setghetx tkun dik tar-"res judicata" opposta mill-attur bil-imsemmi verbal tad 19 ta' Frar 1954 (fol. 11); billi, kieku ġiet milqugha din l-ahhar eċċezzjoni, kellha bhala konsegwenza tiġi michuda, u mhux milqugha, bhal ma ġara, dik avanzata mill-konvenut;

Ikkunsidrat;

Illi skond il-liġi (art. 731 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), l-eċċezzjoni tar-"res judicata" ghandha tiġi maqtugha b'kap separat; u billi l-Ewwel Qorti naqset li taghmel hekk, din l-ommissjoni ġġib ghan-nullità tas-sentenza appellata;

Ghaldaqshekk;

Tiddeċidi billi, ghar-raġuni fuq imsemmija, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, u tordna li l-atti jiġu rinvijati lill-Ewwel Qorti;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi, rela ivi ghall-inċident, ghandhom jibqghu, minhabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, bla taxxa; iżda d-dritt tar-Reġistru ghandu jithallas mill-konvenut.

---

**Tmiem tat-Tieni Sezzjoni ta' l-Ewwel Parti tal-Volum XXXVIII.**

---